MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 968/1986/1

**Alfred Grima**

**vs**

**Joseph Said bhala Managing Director ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Intercontinental Services Limited**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-15 ta`Ottubru, 1986, li wara li ppremettiet illi:

Il-konvenut nomine permezz ta` Protest Gudizzjarju tieghu tad-29 ta` Settembru, 1986, ivvanta drittijiet ta` kreditu kontra l-attur kif jirrizulta mill-kontenut tal-istess Protest hawn esebit Dok. A, u,

L-attur ghandu interess li jillibera ruhu minn dil-millantazzjoni tal-konvenut nomine.

Talab lil konvenut jghid ghaliex:

1. M`ghandux jigi lilu prefiss terminu minn din il-Qorti ta` mhux iktar min tlett xhur sabiex jiddeduci b`azzjoni gudizzjarja din il-pretensjoni, tieghu.

2. Fil-kaz li ma jiddeducix fit-terminu li jinghata m`ghandux jigi lilu impost is-silenzju perpetwu billi jigi ghalhekk lilu impedut li qatt jipprocedi b`din il-pretensjoni immaginarja tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Said nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

1. L-azzjoni attrici hija irritwali u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta` Frar, 1988, fejn gie registrat li l-konvenut iddeduca l-pretensjoni tieghu, u ghalhekk talbu li l-kawza tibqa` differita sine die riappuntabbli anke fuq talba verbali ta` xi wahda mill-partijiet interessati wara li l-kawza imsemmija tghaddi in gudikat;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-28 ta` April, 2008, li in forza tieghu, wara li rat l-istat avvanzat li fih wasslu l-kawzi citazzjoni numri 932/88 u 375/87, irrappuntat il-kawza ghall-kontinwazzjoni, u d-difensuri tal-partijiet taw b`ruhhom notifikati bl-appuntament ghas-smiegh;

Rat li l-kawza “Said noe vs Grima et”, citazzjoni numru 932/88, li hi l-kawza dedotta in gudizzju wara t-talba

kontenuta f`din il-kawza, giet deciza illum stess minn din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet li jinsabu esibiti fl-atti tal-kawza konnessa;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta` jattanza fejn l-attur talab li l-konvenut iressaq in gudizzju pretensjoni ghal hlas tas-somma ta` Lm1,575 minnu reklamata fil-protest gudizzjarju tad-29 ta` Settembru, 1986.  Peress li fil-mori tal-kawza, il-konvenut iddeduca l-pretensjoni tieghu, f`kawza li ggib in-numru 932/88, il-meritu ta` din il-kawza gie ezawrit, tant li l-kawza giet differita sine die pendenti l-ezitu tal-kawza l-ohra.  Li fadal x`jigi deciz f`din il-kawza huwa biss il-capo spese.

Il-kawza fil-meritu giet deciza illum, u mis-sentenza ta` din l-istess Qorti jirrizulta li l-pretensjoni tal-attwali konvenut ma hijiex gustifikata, ghalkemm irrizulta l-kolpa tal-attur odjern fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu lejn il-kumpanija Intercontinental Services Ltd.  Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fil-kawza indikata ghall-motivazzjoni li waslita ghal dik il-konkluzzjoni.

Fid-dawl ta` dak li gie deciz fil-kawza l-ohra, tara li mhux lok li l-ispejjez ta` din il-kawza jigu sopportati minn parti wahda biss, u tqies li jkun aktar gust li taqsam l-ispejjez konformament ma` dak li gie deciz fil-kawza l-ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi ma tiehux konjizzjoni tat-talbiet attrici peress li l-meritu kien gie ezawrit, u tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal zewg-terzi (2/3) mill-attur u terz (1/3) mill-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------